

5.16 Barra minn hekk, l-istrategġija ta' Lisbona tħeġġeġ, b'mod partikulari permezz tal-leave għal skopijiet ta' studju, il-mobilità ta' l-għalliema fil-pajjiżi ta' l-Unjoni, li xxerred (jew toħloq) l-esperjenzi u l-innovazzjoni bil-għan li ttejjeb it-taħriġ tul il-ħajja.

5.17 Fl-aħħar, wieħed għandu jidentifika l-indikaturi edukattivi adegwati u rikonoxxuti fil-pajjiżi kollha ta' l-Unjoni sabiex jiġu evalwati r-riżultati u jiġu żviluppanti s-sistemi edukattivi mmirati lejn l-oġettiv konġunt tat-titjib tal-kwalifiki u l-koeżjoni soċjali.

Brussell, is-16 ta' Jannar 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Biex jinġieb 'il quddiem is-sehem sħiħ taż-żgħażaġh fl-edukazzjoni, l-impjeg u s-soċjetà

COM(2007) 498 finali

(2008/C 151/14)

Nhar il-5 ta' Settembru 2007 il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar is-suġġett

Biex jinġieb 'il quddiem is-sehem sħiħ taż-żgħażaġh fl-edukazzjoni, l-impjeg u s-soċjetà

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar id-19 ta' Diċembru 2007. Ir-rapporteur kien is-Sur Trantina.

Matul l-441 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fis-16 u s-17 ta' Jannar 2008 (seduta tas-17 ta' Jannar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'137 vot favur u 3 astensjonijiet.

1. Sommarju tar-rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jaqbel li hemm bżonn li titħejja strategġija trasversali għaż-żgħażaġh li tkun ġenwinament Ewropea u l-Kumitat huwa lest li jikkontribwixxi għal dal-proċess bil-mezzi tiegħu (bħal per eżempju kuntatt dirett ma' organizzazzjonijiet qrib iċ-ċittadini u s-sensibilizzazzjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE għall-problemi u s-soluzzjonijiet fil-livell taċ-ċittadini).

1.2 Il-KESE jemmen li l-proċess tal-kostruzzjoni ta' strategġija trasversali għat-tfal u ż-żgħażaġh li tkun ta' suċċess u sostenibbli, għandu jkun iffaċilitat permezz ta' struttura permanenti fil-Kummissjoni (li tikkoordina l-ħidma tad-DĠ varji li jkunu involuti) jew grupp interistituzzjonali u dal-proċess għandu jkun imsejjes fuq it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ b'miri u skadenzi ċari.

1.3 Il-KESE huwa tal-fehma li biex ir-rata ta' l-impjeg fl-UE tiżdied, qabel ma jsiru sforzi għall-mobilizzazzjoni tal-ħaddiema mdaħħla fl-eż, għandu jsir minn kolloxx għall-impjeg fuq skala kbira taż-żgħażaġh, peress li dan ikollu effetti fuq perijodu iktar fit-tul, mhux biss soċjoloġiċi (awtonomija, pożizzjoni soċjali, ċifri tat-twelid, familji ġodda, eċċ.) iżda wkoll ekonomiċi, f'termini ta' tkabbir, tal-kontribuzzjonijiet soċjali, tal-konsum, tat-tfaddil u l-investment (eż. fil-kostruzzjoni.) Huwa jħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet Ewropej sabiex jieħdu l-passi meħtieġa ħalli jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa, permezz ta' l-implimentazzjoni iktar rapida u effiċjenti tal-Patt

Ewropew għaż-żgħażaġh u l-programmi nazzjonali ta' riforma ta' l-istrategġija ta' Lisbona ta' l-Istati Membri.

1.4 Il-KESE jinsisti li s-sitwazzjoni taż-żgħażaġh fiż-żoni rurali u ż-żoni urbani f'qar tingħata iktar konsiderazzjoni. Il-Kumitat isejjaħ lill-Istati Membri sabiex jindirizzaw b'suċċess l-isfida li jeliminaw il-faqar fost it-tfal u jitlob li jiżdiedu l-miżuri sabiex tittejjeb il-parteċipazzjoni soċjali taż-żgħażaġh b'diżabilità, b'mod ugwali.

1.5 Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tkompli taħdem għar-rikonoxximent tal-ħidma volontarja taż-żgħażaġh permezz ta' impenn ma' l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, ir-rappreżentanti tas-sistema edukattiva formali u l-NGOs adattati.

1.6 Il-KESE jixtieq itenni l-punti prinċipali tiegħu dwar is-suġġett ta' l-attivitajiet volontarji taż-żgħażaġh, li huma li:

— il-Kummissjoni għandha tħabbar Sena tal-Voluntiera, u tipubblika White Paper dwar l-attività volontarja u ċ-ċittadinanza attiva fl-Ewropa.

— il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iqajmu kuxjenza dwar il-kontribut tal-ħidma taż-żgħażaġh għall-iżvilupp tagħhom stess u l-ħiliet, il-valuri u l-attitudnijiet li jinkisbu bis-saħħa ta' parteċipazzjoni attiva fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u fl-attivitajiet ta' ħidma taż-żgħażaġh.

1.7 Il-Kumitat m'huwiex tal-parir li l-integrazzjoni fl-impjeg issir b'mezzi li ma jkunux stabbli u li ma jipprovdux prospettivi: l-inċertezza, ħinijiet ta' xogħol u kuntratti li maż-żmien isiru iktar u iktar inċerti m'għandhomx għalfejn ikompli jkunu rrakkomandati billi dawn taw xhieda qawwija ta' l-effett tagħhom fuq għadd ta' żgħażaġh, li kulma jmur qiegħed jikber, li ħerġin minn ambjenti soċjali diversi. L-impjeg inċert, offrut bħala soluzzjoni intermedjarja bejn it-tluq mill-istudji inizjali u d-dħul fil-ħajja attiva, idewwem il-progress professjonali u t-teħid ta' responsabilità dejjiema fil-ħajja soċjali u familjali kif juru, sfortunatament, l-istudji u l-osservazzjonijiet tal-Fondazzjoni ta' Dublin, l-ILO u l-Osservatorju Ewropew ta' l-impjeg.

1.8 Il-KESE jappoġġja l-iżvilupp ta' djalogu strutturat bejn dawk li jieħdu d-deċizzjonijiet u ż-żgħażaġh. Djalogu bħal dan għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' l-istrategġija trasversali għaż-żgħażaġh, li l-Kummissjoni pproponiet fil-Komunikazzjoni tagħha. Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li kull tliet snin għandu jitħejja abbozz ta' rapport ta' l-UE dwar iż-żgħażaġh u jirrakkomanda li tiġi assigurata l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili taż-żgħażaġh, b'mod partikulari tal-kunsilli nazzjonali taż-żgħażaġh, fl-iżvilupp ta' rapport bħal dan.

1.9 Il-KESE jappoġġja l-iżvilupp ta' sħubija b'saħħitha bejn l-UE u ż-żgħażaġh permezz ta' dikjarazzjoni li tiġi ffirmata bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u l-imsieħeb tagħhom li jirrappreżenta liż-żgħażaġh — il-Forum Ewropew taż-żgħażaġh.

2. Daħla

2.1 Il-KESE ilu jittratta l-kwistjoni taż-żgħażaġh għal iktar minn għaxar snin. Il-parti l-kbira ta' l-opinjonijiet reċenti għadhom rilevanti u jstgħu jiġu ripetuti hawnhekk, almenu parzjalment ⁽¹⁾.

(1) Opinjoni tal-KESE tas-26.10.2005 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill dwar politika Ewropea dwar iż-żgħażaġh li tindirizza l-problemi taż-żgħażaġh fl-Ewropa — l-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew għaż-żgħażaġh u t-tmexxija 'l quddiem ta' ċittadinanza attiva; rapporteur: is-Sinjura Van Turnhout (ĠU C 28, 3.2.2006)

Opinjoni tal-KESE tat-13.12.2006 dwar l-Attività volontarja: ir-rwol tagħha fis-soċjetà Ewropea u l-impatt tagħha; rapporteur: is-Sinjura Koller, ko-rapporteur is-Sinjura Zu Eulenberg (ĠU C 325, 30.12.2006)

Opinjoni tal-KESE tas-6.7.2006 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: L-implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju ta' Liżbona: Inkattru inklinazzjonijiet intraprenditorjali bl-edukazzjoni u t-tagħlim; rapporteur: is-Sinjura Jerneck (ĠU C 309, 16.12.2006)

Opinjoni tal-KESE ta' l-12.7.2007 dwar l-impjeg tal-kategoriji ta' prijorità (L-Istrategġija ta' Lisbona); rapporteur: is-Sur Greif (ĠU C 256, 27.10.2007)

Opinjoni tal-KESE ta' l-14.9.2007 dwar Naġmliu ċ-ċittadinanza Ewropea viżibbli u effettiva; rapporteur: is-Sur Vever, (ĠU C 318, 23.12.2006)

Opinjoni tal-KESE ta' l-10.3.2005 dwar il-Proposta għal Deċizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-programm 'ZGHAŻAĠH ATTIV' għall-perjodu bejn l-2007-2013; rapporteur: is-Sur Rodriguez García-Caro (ĠU C 234, 22.09.2005)

Opinjoni tal-KESE tat-30.05.2007 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni: Strategġija ta' l-UE li tappoġġja lill-Istati Membri għat-Tnaqqis ta' ħsara rrelatata ma' l-Alkoħol; rapporteurs: is-Sinjura Van Turnhout u s-Sur Janson (ĠU C175, 27.07.07)

Opinjoni tal-KESE dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Lejn Prinċipji Komuni ta' Flessigurtà: Aktar impjegji u impjegji aħjar permezz tal-flessibilità u s-sigurtà — COM (2007) 359 finali; rapporteurs: is-Sur Janson u s-Sur Ardhe — SOC/283, il-ħidma għadha għaddeja.

2.2 Nhar il-5 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-Komunikazzjoni tagħha *Biex jinġieb 'il quddiem is-sehem sħiħ taż-żgħażaġh fl-edukazzjoni, l-impjeg u s-soċjetà*, imħejji b'mod konġunt mid-DG għall-Edukazzjoni u l-Kultura u d-DG għall-impjegji, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq. Kien hemm DGs oħrajn involuti wkoll fl-abbozzar tiegħu. Il-Komunikazzjoni tittratta dwar suġġetti bħall-edukazzjoni taż-żgħażaġh, l-impjegji, is-saħħa u ċ-ċittadinanza, u tipprova tindirizzahom b'mod trans-settorjali. Din hija akkumpanjata minn żewġ dokumenti ta' ħidma ta' l-Istaff tal-Kummissjoni — waħda dwar l-attivitajiet volontarji, u t-tieni waħda dwar l-impjeg taż-żgħażaġh.

2.3 Il-Komunikazzjoni tirreaġixxi għal xi wħud mir-riżultati interessanti tar-rapport *Investing in Youth: an empowerment strategy*, li ġie ppubblikat f'April 2007 mill-Bureau of European Policy Advisors (BEPA).

2.4 Ġeneralment, il-KESE jilqa' l-approċċ li ttieħed mill-Kummissjoni Ewropea kemm fir-rigward tal-proċess kif ukoll tal-kontenut ta' din il-Komunikazzjoni. Huwa jinnota bi pjaċir li bosta DGs oħrajn kienu involuti fl-abbozzar tiegħu.

2.5 Madankollu, il-KESE huwa mħasseb dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-ħolqien ta' din l-istrategġija trasversali għaż-żgħażaġh. Il-Kummissjoni ma tirrakkomandax proċess dwar kif jista' jinkiseb dan il-għan. Skond ir-reazzjoni inizjali tal-Kunsill, s'issa, l-ebda Stat Membru ma għandu pjanijiet f'din id-direzzjoni.

3. Aktar edukazzjoni u edukazzjoni aħjar għaż-żgħażaġh kollha

3.1 Dan il-kapitolu jittratta l-edukazzjoni formali kważi b'mod esklussiv; madankollu, l-edukazzjoni mhux formali tikkontribwixxi wkoll għall-provvista tal-kwalifiki u l-kompetenzi neċessarji billi tikkomplementa l-ħidma tas-sistemi skolastiċi. Għaldaqstant, hemm bżonn li din tiġi kkunsidrata tas-sistemi skolastiċi. Għaldaqstant, hemm bżonn li din tiġi kkunsidrata.

3.2 B'mod ġenerali, il-KESE jaqbel mal-proposti li jikkonċernaw it-titjib fil-kwalità ta' l-edukazzjoni, billi dawn jikkonformaw ma' l-istrategġija u d-dokumenti attwali.

3.3 Il-KESE jaqbel ukoll li għandu jiġi żvilupp element speċifiku għaż-żgħażaġh fi ħdan l-Ewropass, li jkun komplementari għaż-żgħażaġhpass, billi din tiffoka biss fuq attivitajiet li jitwettqu miż-żgħażaġh fil-qafas tal-programm *Iż-Żgħażaġħ Jaġixxu*. Madankollu, il-firxa ta' attivitajiet taż-żgħażaġh li għandhom jiġu rikonoxxuti hija ħafna usa'.

3.4 Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tkompli taħdem għar-rikonoxximent tal-ħidma volontarja maż-żgħażaġh permezz ta' impenn ma' l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, ir-rappreżentanti tas-sistema edukattiva formali u l-NGOs adattati.

3.5 Iż-żgħażaġh li jtitlqu mill-iskola kmieni għandu jkollhom l-opportunità li jieħdu sehem fi programmi ta' taħriġ mhux formali li jħejjuhom għall-ħajja adulta u għall-parteċipazzjoni b'suċċess fis-suq tax-xogħol bħala impjegati jew bħala intraprendituri.

4. Iż-żgħażaġh u l-impjeg: sfida għall-Ewropa

4.1 Il-KESE jenfasizza li l-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa jhedded il-futur ta' l-Ewropa u jħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet Ewropej sabiex jieħdu l-passi neċessarji ħalli s-sitwazzjoni titejjeb. Dawk il-passi għandhom ikunu, l-ewwel u qabel kollox, ibbażati fuq implimentazzjoni iktar malajr u effiċjenti tal-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ, fejn jeżisti haġna dewmien f'bosta Stati Membri. Illum il-ġurnata l-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ għadu jitqies iktar bħala dikjarazzjoni milli pjan ta' ħidma ġenwin.

4.2 F'opinjoni preċedenti ⁽²⁾, il-KESE talab li l-miri li ġejjin jiġu kkunsidrati għall-inklużjoni fil-programmi ta' riforma nazzjonali ta' l-istrategġja ta' Lisbona:

- jiġu stabbiliti miri għal kull Stat Membru sabiex l-għadd ta' żgħażaġh qiegħda jitnaqqas b'ta' l-anqas 50 % fil-perijodu 2006-2010 (iċ-ċifra attwali hija 17.4 % fl-Unjoni Ewropea għall-persuni taħt il-25 sena); fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, il-qgħad fost iż-żgħażaġh huwa ogħla mil-livell nazzjonali u fl-Istati Membri ta' l-UE; ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh hija mill-inqas darbtejn ogħla mir-rata tal-qgħad ġenerali;
- it-titjib fis-sistema eżistenti sabiex id-dewmien medju sakemm iż-żgħażaġh isibu l-impjeg jew apprendistat jitnaqqas minn sitta għal erba' xhur
- jiġu żviluppati sistemi ta' ħarsien soċjali li jippermettu iż-żgħażaġh ikunu f'pożizzjoni li jagħmlu għażliet li jiddeterminaw il-futur tagħhom stess.
- jitnaqqas it-tluq kmieni mill-iskola b'50 % fil-perijodu 2006-2010 u tinġieb 'il quddiem l-esperjenza tax-xogħol fil-kumpaniji.

4.3 Dan l-aħħar il-KESE adotta opinjoni esploratorja dwar il-flessigurtà ⁽³⁾, li tista' sservi bħala bażi soda għall-ħidma futura fuq is-suġġett. Din tinnota, fost affarijiet oħra, li "Iż-żgħażaġh ukoll, f'haġna Stati Membri jiffaċċjaw suq tax-xogħol li huwa inċert b'livell ta' qgħad għoli, kuntratti ta' perijodi fissi, koperura ta' sigurtà soċjali insuffiċjenti u xogħol li għalih huma kkwalifikati żżejjed."

4.4 In-nuqqas ta' stabbiltà soċjali li s'issa jista' jiġi kkunsidrat inerenti u karatteristiku taż-żgħożija jista' madankollu jiżded għal bosta żgħażaġh fl-Ewropa u fid-dinja kollha. Jafu tajjeb l-inċertezza fl-impjeg, id-diffikultajiet materjali; daqqa t'għajn lill-aħħar rapporti ta' l-ILO turi dan biċ-ċar. Barraminhekk, il-ġenerazzjonijiet li ġew qabilhom għandhom jistaqsu lilhom infusom dwar il-futur li ser iħallu lil ta' warajhom.

4.5 Il-KESE diġà sejjaħ għat-trawwim ta' intraprenditorija żgħażuġha permezz ta' appoġġ finanzjarju u tekniku u billi titnaqqas kemm jista' jkun il-burokrazija involuta fit-teħid, it-trasferiment u t-twaqqif ta' intrapriża. Għaldaqstant, il-KESE huwa interessat fil-proġett pilota propost li jimmira li jġib 'il quddiem il-mobiltà ta' l-intraprendituri żgħażaġh.

4.6 Fir-rigward ta' l-inizjattiva tal-Kummissjoni għall-apprendistati, il-KESE jaqbel li għandu jiġi introdott tip ta' Qafas Ewro-

⁽²⁾ Opinjoni tal-KESE tas-26.10.2005 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill dwar politika Ewropea dwar iż-żgħażaġh li tindirizza l-problemi taż-żgħażaġh fl-Ewropa — l-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ u t-tmexxija l-quddiem ta' ċittadinanza attiva, rapporteur: is-Sinjura Van Turnhout (ĠU C 28, 3.2.2006).

⁽³⁾ Opinjoni tal-KESE dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Lejn Prinċipji Komuni ta' Flessigurtà: Aktar impjegji u impjegji aħjar permezz tal-flessibilità u s-sigurtà — COM (2007) 359 finali; rapporteurs: is-Sur Janson u s-Sur Ardhe — SOC/283, il-ħidma għadha għaddejja.

pew għall-Kwalità ta' l-apprendistati u dan jiġi offrut lill-kumpaniji sabiex jimpenjaw ruħhom li jirrispettaw il-prinċipji tiegħu ta' kuntratti ċari maż-żgħażaġh. Illum, f'haġna każijiet, iż-żgħażaġh li jagħmlu l-apprendistati huma sfruttati bħala forza tax-xogħol irħisa minflok ma jitgħallmu u jħejju ruħhom għal impjegji futuri.

4.7 B'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni li tħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jużaw il-politiki nazzjonali u l-fondi ta' l-UE għall-appoġġ tat-transizzjoni taż-żgħażaġh mill-edukazzjoni għall-impjeg, il-KESE jsejjaħ lill-Istati Membri sabiex inaqqsu l-piż amministrattiv marbut ma' l-applikazzjoni għall-iffinanzjar mill-fondi ta' l-UE, għax dan inaqqas l-opportunitajiet ta' l-NGOs taż-żgħażaġh imsejsa fuq il-volontarjat sabiex jiksbu dan it-tip ta' ffinanzjar. L-iffinanzjar minn qabel tal-proġetti ta' l-NGOs jgħin ukoll fit-titjib ta' l-opportunitajiet għall-proġetti tagħhom.

5. L-użu sħiħ tal-potenzjal ta' kulħadd

5.1 Il-KESE jinsisti li s-sitwazzjoni taż-żgħażaġh f'żoni rurali u f'żoni urbani fqar tingħata iktar konsiderazzjoni. F'bosta żoni rurali u urbani fqar, iż-żgħażaġh m'għandhomx aċċess għal servizzi ta' kwalità fil-qasam ta' l-edukazzjoni, it-taħriġ, il-mobiltà, is-saħħa u r-rikreazzjoni. L-istess jista' jingħad fir-rigward ta' l-opportunitajiet ta' impjeg jew għall-opportunità li jieħdu sehem fis-soċjetà ċivili.

5.2 Il-KESE jsejjaħ lill-Istati Membri sabiex jilqgħu l-isfida ta' l-eliminazzjoni tal-faqar fost it-tfal u ż-żgħażaġh, li għandu impatt qawwi fuqhom f'ċerti oqsma bħas-saħħa, l-edukazzjoni u saħansitra l-possibiltajiet li għandhom li fxi żmien fil-ġejjieni jaħarbu min-nassa tal-faqar.

5.3 Il-Komunikazzjoni ma tindirizzax ir-rabta fundamentali li teżisti bejn minn naħa, il-medda u l-livell ta' l-istrutturi intiżi għall-kura ta' kuljum tat-tfal, u l-prestazzjonijiet skolastiċi ulterjuri u s-suċċessi miksuba fil-ħajja professjonali min-naħa l-oħra. Il-KESE jirrakkomanda li, b'konformità ma' l-oġettivi stabbiliti fl-istrategġja ta' Lisbona, tiġi enfasizzata l-importanza ta' l-istrutturi intiżi għall-kura ta' kuljum tat-tfal bl-għan li jitħejjew għall-iskola u l-ħajja awtonoma, u l-fatt li dawn jikkostitwixxu strument fejjedi biex jippromovu l-integrazzjoni soċjali u jikkompensaw għad-dewmien.

5.4 Il-KESE jitlob sabiex jiżdedu l-miżuri biex it-tfal u ż-żgħażaġh bi bżonnijiet speċjali, li jinsabu f'qagħda żvantaġġata jew qed isofru minn diżabilità jkun jistgħu jipparteċipaw aħjar fis-soċjetà b'mod ugwali: parteċipazzjoni indaqs fl-attivajiet tal-Programm taż-Żgħażaġħ; aċċess indaqs għall-informazzjoni dwar il-politika dwar iż-żgħażaġh u l-proġetti taż-żgħażaġh u miżuri ta' sensibilizzazzjoni.

5.5 Il-KESE jaqbel, b'mod ġenerali, ma' l-analiżi tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-kwistjonijiet tal-ġeneru (gender issues). Madankollu, il-KESE jiddispaċiħ li ma sar l-ebda suġġeriment għid fil-Komunikazzjoni sabiex jiġu miġġielda l-istereotipi tal-ġeneru.

5.6 Il-KESE diġà talab lill-Kummissjoni għal azzjoni li tiffoka fuq is-saħħa tat-tfal u ż-żgħażaġh, u, b'mod partikulari, fuq l-istili ta' ħajja b'saħħithom u b'bilanċjati:

- il-KESE sejjaħ għal parteċipazzjoni kollettiva taż-żgħażaġh fil-pjattaforma ta' l-UE dwar is-Saħħa, id-Dieta u l-Attività Fiżika.
- il-KESE huwa mħasseb dwar iż-żieda fil-konsum perikoluż u ta' ħsara ta' xorb alkoħoliku fost iż-żgħażaġh u t-fal f'haġna mill-Istati Membri tul dawn l-aħħar għaxar snin, b'mod partikulari dwar ix-xorb eċċessiv f'perijodu ta' f'it sigħat magħruf bħala "binge drinking".
- il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-prattiki kummerċjali li jinvolvu l-produzzjoni ta' xorb fil-laned li jkun fihom taħlita ta' xorb alkoħoliku u non-alkoħoliku bl-għan li ż-żgħażaġh jiġu mħajra jikkonsumaw l-alkoħol fuq bażi regolari.
- Il-KESE jsejjaħ biex il-ġlieda kontra l-forom differenti ta' vjolenza fuq it-tfal u ż-żgħażaġh titħarrax u biex l-informazzjoni u t-taħriġ fil-qasam tal-prevenzjoni u l-azzjoni jittejjbu.

5.7 Fl-ispirtu ta' l-opinjoniġiet reċenti tal-Kumitat dwar is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjoniġiet (*), is-solidarjetà maż-żgħażaġh għandha tiġi assoċjata mal-politiki orizzontali trasversali, iżda fl-ispirtu ta' kooperazzjoni u solidarjetà ma' l-etajiet l-oħra tas-soċjetà ċivili: it-tfulija, l-età adulta u x-xjuħija

5.8 Għalhekk il-KESE jilqa' bi pjaċir l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' Strateġija ġdida għas-Saħħa.

6. Ċittadini żgħażaġh attivi

6.1 Il-KESE ilu jappoġġja l-parteeċipazzjoni taż-żgħażaġh kemm permezz ta' l-opinjoniġiet tiegħu kif ukoll billi pprova l-faċilitajiet tiegħu għall-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ 2007.

6.2 F'opinjoni preċedenti, il-KESE enfasizza l-importanza tal-parteeċipazzjoni attiva u l-awtonomija taż-żgħażaġh fis-soċjetà kollha kemm hi. Għaldaqstant, il-KESE jirrakkomanda li:

- iż-żgħażaġh jitpoġġew fil-qalba ta' l-azzjoniġiet varji, jiġu mħeġġa u jingħataw l-ispazju sabiex jieħdu sehem attiv u jesprimu ruħhom bil-mezzi kollha disponibbli għalihom;
- l-Istati Membri u l-istituzjoniġiet għandhom jipprovdu r-riżorsi, l-appoġġ u l-mekkaniżmi neċessarji għall-iffaċilitar taż-żgħażaġh fil-livelli kollha sabiex tiġi mħeġġa l-parteeċipazzjoni tagħhom fid-deċiżjoniġiet u l-azzjoniġiet li jkollhom impatt fuq haġġithom. Hija biss l-influenza ġenwina li twasal għar-responsabilità ġenwina;
- il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw il-politiki tagħhom fi sħubija maż-żgħażaġh u l-organizzazzjoniġiet taż-żgħażaġh u jkomplu jinvolvuhom fl-istadji kollha;

(*) Opinjoni fuq inizzjattiva proprja tal-KESE tas-16.12.2004 dwar *Ir-relazzjoniġiet bejn il-ġenerazzjoniġiet*, rapporteur: is-Sur Bloch-Lainé, (ĠU C 157, 28.6.2005)
Opinjoni tal-KESE dwar *Il-promozzjoni tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjoniġiet*, rapporteur: is-Sur Jahier (CESE 1711/2007 — SOC/2007). Adottata matul is-sessjoni plenarja tat-12 u t-13 ta' Diċembru 2007.

— iż-żgħażaġh u l-organizzazzjoniġiet tagħhom u l-imsieħba soċjali *għandhom* jiġu kkonsultati dwar l-iżvilupp tal-miżuri għal din l-inizzjattiva mal-programmi nazzjonali ta' riforma ta' Lisbona u dwar is-segwitu ta' l-implimentazzjoni.

6.3 Il-KESE japprezza kieku l-parti tal-Komunikazzjoni li tittratta l-attivitajiet volontarji taż-żgħażaġh (punt 5.2) tkun iktar b'saħħitha u inqas ġenerali. Il-KESE jiddispaċih li l-ebda waħda mir-rakkomandazzjoniġiet li ressaq fl-opinjoni (°) tiegħu ma ġiet inkorporata fil-Komunikazzjoni.

6.4 Għalhekk il-KESE jtenni l-punti prinċipali tiegħu dwar is-suġġett:

- għandha tiġi adottata karta fuq livell Ewropew li twaqqaf ir-rwol ta' l-organizzazzjoniġiet volontarji, inklużi d-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom.
- il-Kummissjoni għandha tħabbar Sena tal-Voluntiera, u tipubblika White Paper dwar l-attività volontarja u ċ-ċittadinanza fl-Ewropa.
- l-Istati Membri għandhom ifasslu qafas legali li jassigura d-dritt li l-attività volontarja tittwettaq indipendentement mill-istatus legali jew soċjali ta' l-individwu u li jkun hemm dispożizzjoniġiet għall-assigurazzjoni u r-rimborż ta' l-ispejjeż.
- il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iqajmu kuxjenza dwar il-kontribut tal-ħidma taż-żgħażaġh lejn l-iżvilupp taż-żgħażaġh u l-ħiliet, il-valuri u l-attitudnijiet li jinkisbu permezz ta' parteċipazzjoni attiva fl-organizzazzjoniġiet taż-żgħażaġh u l-attivitajiet tal-ħidma taż-żgħażaġh.
- l-UE għandha tagħmel enfasi partikulari fuq ir-rikonoxximent tal-kompetenzi li jinkisbu mill-attivitajiet volontarji.

6.5 Il-KESE jappoġġja l-iżvilupp ta' sħubija f'saħħitha bejn l-UE u ż-żgħażaġh fil-forma ta' dikjarazzjoni li hija mistennija li tiġi ffirmata bejn l-istituzjoniġiet Ewropej u l-imsieħeb tagħhom li jirrappreżenta ż-żgħażaġh — il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ. Bi pjaċir jinnota li l-Forum Ewropew għaż-Żgħażaġħ huwa ħerqan li jirrifletti fuq il-mezzi u l-għodod adattati ma' l-imsieħba, sabiex jiġi assigurat li l-fehmiet, b'mod partikulari taż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet, ikunu jistgħu jinstemgħu wkoll u jitqiesu bħala parti minn dan il-proċess. (°)

6.6 Barraminhekk, il-KESE jappoġġja l-iżvilupp ta' djalogu strutturat bejn daww li jieħdu d-deċiżjoniġiet u ż-żgħażaġh. Djalogu bħal dan għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' l-istrateġija trasversali għaż-żgħażaġh, proposta mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha. Għal dan il-għan, il-KESE jipproponi li tinżamm laqgħa ta' djalogu li tlaqqa' lid-Direttorati Ġenerali rilevanti tal-Kummissjoni, ir-rappreżentanti tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew u s-soċjetà ċivili taż-żgħażaġh sabiex jitwaqqaf

(°) Opinjoni tal-KESE tat-13.12.2006 dwar *l-Attività volontarja: ir-rwol tagħha fis-soċjetà Ewropea u l-impatt tagħha*; rapporteur: is-Sinjura Koller, ko-rapporteur: is-Sinjura Zu Eulenberg (ĠU C 325, 30.12.2006).

(°) Reazzjoni tal-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — 07/04/07.

pjan ta' direzzjoni konġunt dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-kwistjonijiet taż-żgħażaġh b'mod trans-settorjali. Il-KESE jikkunsidra li pjan ta' direzzjoni konġunt ta' dan it-tip ikun pass konkret sabiex jintlaqgħu s-sejħiet li saru miż-żgħażaġh u s-soċjetà ċivili taż-żgħażaġh fl-okkażjoni tas-Summit taż-Żgħażaġħ f'Ruma, f'Marzu 2007.

6.7 Id-djalogu strutturat maż-żgħażaġh għandu jagħmel użu tajjeb ukoll mill-mezzi eżistenti, jiġifieri avvenimenti organizzati għaż-żgħażaġh mill-Presidenzi ta' l-UE u l-ġimgħat Ewropej għaż-żgħażaġh. Madankollu, dawn l-avvenimenti għandhom jintużaw għad-diskussjonijiet dwar il-progress ta' l-istrateġija trasversali għaż-żgħażaġh u r-riżultati tagħhom bil-miktub għand-

hom jintrabtu ma' dan il-progress. M'hemmx għalfejn jinkitbu dikjarazzjonijiet ġodda u m'hemmx b'żonn li ta' kull darba noqogħdu noħolqu affarijiet li diġà nħolqu.

6.8 Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li kull tliet snin għandu jitħejja abbozz ta' rapport ta' l-UE dwar iż-żgħażaġh. Rapport bħal dan għandu jintrabat ma' l-istrateġija trasversali għaż-żgħażaġh u l-għanijiet tagħha, u għandu jinvolti indikaturi preċiżi tas-suċċess jew il-falliment. Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili taż-żgħażaġh, b'mod partikulari tal-kunsilli nazzjonali taż-żgħażaġh, għandha tkun assigurata fl-iżvilupp ta' rapport bħal dan.

Brussell, is-17 ta' Jannar 2008.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

APPENDIĊI

għall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-emendi li ġejjin, li ġabru almenu kwart tal-voti mixħuta, ma ġewx aċċettati matul id-dibattitu (Artikolu 54(3) tar-Regoli ta' Proċedura):

Punt 6.3

Biddel it-test kif ġej:

"Il-KESE japprezza kieku l-parti tal-Komunikazzjoni li tittratta l-attivitajiet volontarji taż-żgħażaġh (punt 5.2) tkun iktar b'saħħitha u inqas ġenerali. Huwa jfakkar li l-volontarjat m'huwiex l-istess bħall-karità u xi wħud mill-attivitajiet volontarji jistgħu jiġu mħallsa ⁽¹⁾. Il-KESE jiddispijaċih li l-ebda waħda mir-rakkomandazzjonijiet li ressaq fl-opinjoni tiegħu ma ġiet inkorporata fil-Komunikazzjoni."

Riżultat

Favur: 17 Kontra: 30 Astensjonijiet: 15

⁽¹⁾ Opinjoni tal-KESE tat-13.12.2006 dwar l-Attività volontarja: ir-rwol tagħha fis-soċjetà Ewropea u l-impatt tagħha; rapporteur: is-Sinjura Koller, ko-rapporteur is-Sinjura Zu Eulenberg (ĠU C 325, 30.12.2006).